**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2019**

**Rikors nru: 473/2019 AGV**

**AB- known as C D (ID nru: 0037870 M)**
**Vs**
**EF (ID nru: 209466 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB known as C D, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-23 ta' Ottubru 1988, (ara dok A anness), u minn daz-zwieg huma kellhom 2 itfal, G ta' 29 sena u H ta' 27 sena;
2. Ili l-partijiet ilhom separati sa mil- 1993 u legalment separate b' kuntratt redatt min-nutar Carmel Gafa' tat- 8 ta' Marzu 1993, ara Dok B anness;
3. Illi m' hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minnbarra li ilhom snin twal mifrudin , illum ghandhom hajja

totalment separata minn xulxin, u sahansitra iffurmaw relazzjoni ma' nies ohrajn;

4. Illi m' hemm ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronzunja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti, u semghet lill-partijiet.

Il-Qorti osservat li fis-seduta tat-Tnejn 18 ta' Novembru 2019, il-konvenut informa lil-Qorti li ma ghandux oggezzjoni li jinghata d-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

Marilyn Bugeja

Dep Reg